# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum, tnejn (2) ta' Mejju, 2025**

**Rikors Revoka Numru: 1339/23 MH**

**Fl-Atti tar-rikors ġuramentat Nru 823/19MH fl-ismijiet:**

**Kevin Spiteri, Mary Rose Zammit, Frances Spiteri, Catherine Spiteri**

**vs**

**Carmelo Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-sekwestrat Carmelo Micallef tat-23 ta' Novembru 2023** permezz ta' liema talab lill-Qorti –

1. Tiffissa data għas-smiegħ għal dan ir-rikors revoka ta' mandat;
2. Takkorda seduta sabiex ir-rikorrent iressaq xhieda jekk ikun hemm bżonn sabiex jissostanzjaw il-ħtieġa tar-revoka ta' mandat; u
3. Tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1139/2019 *(sic)*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-rikors ulterjuri ta' Carmelo Micallef tal-25 ta' Marzu 2024** permezz ta' liema huwa talab lill-Qorti sabiex tgħaddi għad-deċiżjoni tar-rikors b'urġenza stante s-sitwazzjoni diffiċli fuq ħajtu.

Rat **ir-risposta ta' Kevin Spiteri et tal-15 ta' Lulju 2024** permezz ta' liema rribattew li l-pretensjonijiet tar-rikorrent sekwestrat ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-liġi għar-revoka tal-Mandat in kwistjoni.

Rat id-dokumenti pprezentati u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat li r-rikors tħalla għad-digriet kamerali.

Rat l-atti tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

1. Issir referenza *in primis* **għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati Kevin Spiteri et** permezzz ta' liema huma qegħdin jitolbu lir-rikorrent Micallef sabiex jiċċara dwar liema mandat qiegħed jirreferi stante li fit-talbiet tiegħu qed jitlob ir-revoka ta' mandat non-eżistenti fil-konfront tiegħu.

Din l-eċċezzjoni hija ġustifikata fis-sens li fit-tielet talba tiegħu r-rikorrent qed jirreferi għall-mandat ta' sekwestru bin-numru 1139/19 mentri fil-fatt dak korrett iġib in-numru 1138/19 kif korrettement indikat fit-tieni premessa tar-rikors.

Kwindi huwa meqjus li dan kien biss *lapsus calami* da parti tar-rikorrent li ser jiġi sorvolat peress li l-Qorti ser tkun qed titratta u tiddeċiedi t-talba b'rabta mal-mandat numru 1138/19.

**Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.**

2. **Fl-ewwel żewġ talbiet** tiegħu r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tappunta r-rikors għas-smiegħ bil-għan li jressaq ix-xhieda meħtieġa sabiex jissostanzjaw it-teżi tiegħu dwar il-ħtieġa tar-revoka ta' mandat.

Il-Qorti tissottolinea li ai termini tal-artikolu 836 (4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija d-diskrezzjoni tagħha li, skont iċ-ċirkustanzi tal-mertu, tiddeċiedi dwar tali talbiet jew incamera jew wara s-smigħ tal-avukati tal-partijiet.

Fil-każ odjern rat li huwa xieraq li l-proċeduri jiġu deċiżi in camera b'dana pero' li b'digriet datat 1 ta' Diċembru 2023 tat l-oportunita' lill-partijiet li jressqu d-dokumenti neċessarji in sostenn tal-argumenti tagħhom flimkien ma' sottomissjonijiet bil-miktub.

Effettivament kienu biss is-sekwestranti Kevin Spiteri et li ressqu Nota ta' Sottomissjonijiet u dokumenti filwaqt li Carmelo Micallef naqas milli jużufruwixxi minn din l-opportunita' li tatu l-Qorti.

**L-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent sejrin għalhekk jiġu miċħuda.**

3. **Fit-tielet talba** r-rikorrent Carmelo Micallef qiegħed jitlob ir-revoka tal-Mandat 1138/19 a bażi ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ **Carmel sive Charles Borg vs Christian George Grech deċiż fis-7 ta' Mejju 2020** il-Qorti elenkat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw dan l-artikolu -

*"Art 836 Kap. 12 - Proċedura Straordinarja.*

*Fi proċeduri bħal dawk odjerni istitwiti bis-saħħa tal-Artikolu 836 tal-Kap.12 il-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi tassattivament l-imsemmi artikolu. Il-proċedura hekk stabbilita hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-aqsar żmien possibbli. Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakolta' li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtieġa li tappunta seduta għal smiegħ viva voce. L-emfasi huwa l-urġenza u s-smiegħ spedit.*

*In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet* ***DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd1*** *, fejn ġie stabbilit illi:*

*"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et,*** *deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

*Fuq l-istess binarju hija d-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et****, fejn il-Qorti stabbiliet illi:*

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li*

*r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide* ***Vincent Mercieca vs. George Galea****, 29 ta' Novembru, 2011, u* ***Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,*** *tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

Speċifikatament huwa jistrieħ fuq is-**sub-artikolu 836 (1) (ċ) (e) u (f) tal-tal-Att**

li jipprovdu hekk -

*"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(.....)*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-*sodisfazzjon *tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(.....)*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

**<u>Fir-rigward tas-subparagrafu (ċ) tal-artikolu</u>** l-Qorti qalet hekk fil-proċeduri **Joseph Tabone vs Capece Construction Ltd degretati fl-14 t'Awwissu 2013 -**

*"Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;*

*Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant;"*

**Is-<u>subparagrafu (e) tal-artikolu</u>** jorbot miegħu in kwantu jkun hemm lok għar-revoka tal-mandat jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-garanzija mogħtija tkun suffiċjenti.

**<u>Fir-rigward tas-subparagrafi (f) tal-artikolu</u>** in eżami l-Qorti qalet hekk fil-proċeduri **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited degretati fil-15 ta' Mejju 2018** –

*"Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **L- Avukat Adrian Delia nomine vs. European Insurance Group Limited**, datat l-**4 ta' Frar, 2013**, li fir-rigward stabbiliet li:*

*"Fi kliem ieħor taħt dan is-subinċiż, (artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12), Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soġġett għar-revoka fejn:*

*"i. Ċirkostanzi ma jkunux raġonevoli;*
*"ii. L-Mandat ma jkunx aktar neċessarju; jew*
*"iii. M'huwiex aktar ġustifikabbli";*

*Illi fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius** datat id-**19 ta' Settembru, 2013**, ġie spjegat fir-rigward is-segwenti:*

*"Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hu raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk hux meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimati eżekutanti;*

*"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifka l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Bħala sfond, jirriżulta li fis-26 t'Awwissu 2019 is-sekwestranti Kevin Spiteri, Mary Rose Zammit ottjenew kontra s-sekwestrat Carmelo Micallef il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1138/19 fl-ammont ta' €2,158,000. Dan sabiex huma jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom elenkati fir-rikors ġuramentat Nru 823/19 fl-istess ismijiet intavolat ukoll fl-istess jum u li qiegħed jinstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

Fil-kawża Rik Ġur 823/19, Kevin Spiteri et qegħdin jitolbu lill-Qorti:

(a) tiddikjara li huma għandhom il-jedd għas-sehem riservat fuq il-ġid tad-defunt Innocenzio sive Innocent Spiteri;

(b) tillikwida s-sehem riservat pagabbli mill-intimat lil kull wieħed u waħda minnhom; u

(ċ) tikkundanna lill-intimat sabiex iħallashom tali sehem hekk likwidat. Dawn it-talbiet saru fuq il-premessi li r-rikorrenti fil-kawża huma wlied id-defunt Spiteri u l-intimat Micallef huwa l-uniku eredi tiegħu.

**Din il-kawża hija differita għall-kontinwazzjoni għal-5 ta' Novembru 2025, għat trasfużjoni tal-ġudizzju u għal preżentata tar-rapport tekniku tal-perit Musumeci.**

Jirriżulta wkoll li fis-26 t'Awwissu 2021 l-istess rikorrenti Kevin Spiteri et intavolaw rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 1136/19 permezz ta' liema huma talbu lill-Qorti tinibixxi lill-intimat Micallef milli jbiegħ, ineħħi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos minn proprjeta' u b'mod partikolari il-lista ta' immobbli ndikata fl-istess rikors. L-ammont kawtelat kien ta' €3,700,000. Wara li kien ġie milqugħ provviżorjament, il-Qorti laqgħet it-talba definittivament fl-10 ta' Settembru 2019.

**Ikkunsidrat:**

B'rabta mat-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Rik 1138/19 a bażi tal-**artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kap 12** ir-rikorrent jargumenta li l-garanziji li għandhom bżonn ir-rikorrenti fil-proċeduri kontenzjużi bejniethom jistgħu jiġu sodisfatti billi s-sekwestru jiġi limitat għal numru ta' proprjetajiet li huma mertu tal-kawża u l-proprjeta' tal-istess rikorrent.

L-intimati minn naħa l-oħra jirribattu li l-valur tal-proprjetajiet li huma diġa' marbuta bil-Mandat t'Inibizzjoni mhuwiex biżżejjed biex iservu ta' garanzija li tkopri l-pretensjonijiet tagħhom.

Għalkemm ma jirriżultax mill-atti tal-proċeduri odjerni li l-perit tekniku nkarigat fil-kawża ħareġ bi stima finali dwar il-valur proprju tal-patrimonju kontestat, ġiet preżentata lista ta' proprjetajiet li diġa' ġiet mgħoddija lill-istess perit tekniku. Il-Qorti tagħmilha ċara li sakemm ma jkollhiex a dispożizzjoni tagħha l-valuri tal-proprjetajiet in kwistjoni mill-perit tekniku tagħha, hija ċertament li mhux f'qagħda li tevalwa u tagħti direzzjoni dwar din it-talba tar-rikorrent. Dan apparti l-fatt li tali talba tkun imbagħad trid tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-fattispeċje u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ f'dak il-mument.

**It-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kap 12 sejra għaldaqstant tiġi respinta.**

**Konsegwentement ser tiġi miċħuda wkoll it-talba tar-rikorrenti ai termini tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 826 (1) tal-Att** stante li l-garanzija ndikata minnu f'dan l-istadju ma tistax titqies li hija biżżejjed.

B'rabta mat-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Rik 1138/19 a bażi tal-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12,** kif ingħad fis-suespost, sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent b'rabta ma' dan il-paragrafu, huwa kien jeħtieġlu juri li wara l-ħruġ tal-mandat ikun hemm tibdil ta' xi ċirkustanza/i li a bażi tagħhom ma jkunx aktar xieraq li l-mandat jibqa' fis-seħħ in toto jew parzjalment.

Bħala ċirkustanzi r-rikorrent isemmi li ilu sa mill-2019 ma jistax juża l-ebda kont bankarju tiegħu u minħabba f'hekk qed tiġi affetwata ħajtu negattivament partikolarment fix-xogħol tiegħu ta' self-employed. Jgħid li minħabba l-mandat huwa ma jistax jaċċetta nkarigi ta' klijenti li jkollhom bżonn jieħdu self mill-bank u dan minħabba li l-kontijiet tiegħu huma sekwestrati u kien qed jispiċċa lanqas biss jista' jiġbed flus depożitati fuq ix-xogħol tiegħu. Inoltre, huwa jħaddem żewġ impjegati miegħu.

Il-Qorti tqis li għajr għall-prova li huwa għandu l-liċenzja ta' bennej u li għandu żewġ impjegati miegħu, ir-rikorrent ma ġabx provi oħra f'dan ir-rigward. Jiġi osservat ukoll li, kemm il-liċenzja ta' bennej u l-impjegati, huma fatturi li kienu

pre-eżistenti għall-Mandat u allura ċ-ċirkustanzi u l-konsegwenzi marbuta magħhom kienu diġa' hemm meta ġie akkordat il-Mandat impunjat.

Di piu' huwa ma ġab ebda provi oħra konkreti ta' xi tibdil ieħor fiċ-ċirkustanzi tar-rikorrent li jistgħu b'xi mod jikkonvinċu lill-Qorti li t-talba tiegħu hija ġustifikata.

Addirittura, tenut kont li din il-Qorti diġa' ċaħdet talba oħra għar-revoka tal-Mandat in kwistjoni fl-atti tal-istess kawża f'April 2021, Micallef kompla naqas milli juri x'tibdil fiċ-ċirkustanzi seħħew anke minn dakinhar 'il quddiem.

**It-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 sejra għaldaqstant tiġi respinta.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati filwaqt li safejn kompatibbli ma' dak deċiż ser tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-intimat sekwestrat fir-rikors tat-23 ta' Novembru 2023 filwaqt li l-ispejjeż ikunu riservati għas-sentenza finali fil-kawża dwar il-mertu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**